MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-28 ta' Novembru, 2008

Appell Civili Numru. 541/2005/1

**Martin Gaffarena**

**vs**

**Sullivan Maritime Limited fil-kapacita' taghha bhala agent tas-socjeta` estera Atlantica Spa Di Navigazione li assumiet l-atti biex tirrapprezenta lis-socjeta` estera Atlantica Spa di Navigazione; u b'digriet ta' l-1 ta' Novembru tas-sena 2006, giet kamata in kawza s-socjeta` Cargo Handling Company Limited**

**Il-Qorti,**

Fil-25 ta' Marzu, 2008, il-Qorti Civili tal-Magistrati (Malta) ippronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> **"**Il-Qorti,
>
> Rat l-avviz fuq indikat datat l-4 ta' Novembru tas-sena 2005 li permezz tieghu l-attur sejjah lis-

socjeta’ konvenuta nomine, Sullivan Maritime Limited quddiem din il-qorti sabiex tghid ghaliex m’ghandhiex tkun ikkundannata:

1. Illi thallas, jew min minnhom, id-danni li jigu likwidati minn dina l-qorti, rapprezentanti danni subiti fuq vettura tal-marka Caterpillar 950B, proprjeta’ ta’ l-attur u dana waqt li s-socjetajiet konvenuti jew min minnhom kienu qed jitrasportaw l-imsemmija vettura mill-port ta’ Valencia (Spanja), ghal Malta, liema danni gew ikkawzati unikament minhabba negligenza, imperizja, u non-osservanza ta’ regolamenti da parti ta l-istess socjetajiet konvenuti jew min minnhom;

2. Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficcjali datata 6 ta’ Lulju tas-sena 2005 u tal-mandat ta’ sekwestru kawtelatorju, b’rappresentati, diretturi u mpjegati tas-socjetajiet konvenuti ingunti ghas-subizzjoni;

3. Illi l-attur jiddikjara li d-danni ma jeccedux it-tlett elef u hames mitt Lira Maltin, (LM3,500.00,0);

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tas-socjeta’ konvenuta nomine fuq indikata datata t-13 ta’ Jannar tas-sena 2006 li permezz taghha eccepiet is-segwenti:

1. t-talbiet ta’ l-atturi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghhom;

2. Illi fl-ewwel lok, ma kienx hemm il-htiega ta’ hatra ta’ rapprezentant tas-socjeta’ estera Atlantica Spa di Navigazione u dan stante illi s-socjeta’ Sullivan Maritime Limited giet citata propju bhala agent ta’ l-istess socjeta’ estera Atlantica Spa di Navigazione;

3. Illi s-socjeta’ konvenuta ma hijiet responsabbli ghad-anni reklamati mill-attur, u dan,

kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza u abbazi tal-joint tally report;

4. Illi in subsidju, u minghajr pregudizzju ghall-premess, u fi kwalunkwe kaz, is-socjeta’ konvenuta ma tistax tinzamm resonsabbli ghad-danni reklamati mill-attur ai termini tal-polza tal-karigu relattiva;

5. Illi in subsidju u minghajr pregudizzju ghall-premess, anke li kieku s-socjeta’ konvenuta kellha tinzamm responsabbli ghal xi danni reklamati mill-attur, huma applikabbli l-limitazzjonijiet ta’ responsabbilita’ kif stipulati fil-polza ta’ karigu relattiva;

6. Salvi eccezzjonijiet ohra;

Rat ir-rikors ta’ l-attur ipprezentat fir-Registru ta’ din il-qorti fil-31 t’Ottubru tas-sena 2008 u mhallas l-ghada li permezz tieghu, ghar-ragunijiet hemm indikati, intalbet il-kjamata in kawza tas-socjeta’ Cargo Handling Company Limited;

Rat id-digriet taghha datat l-1 ta’ Novembru tas-sena 2006 li permezz tieghu, wara li tat l-opportunita’ lir-rapprezentant legali tas-socjeta’ konvenuta li jezamina l-istess rikors u infurmha li ma kellu l-ebda oggezzjoni ghal dan, laqghet it-talba u ordnat li s-socjeta’ Cargo Handling Company Limited tigi kjamata in kawza;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tas-socjeta’ kjamata in kawza fuq indikata datata it-12 ta’ Dicembru tas-sena 2006 li permezz taghha eccepiet is-segwenti:

1. Illi preliminarjament, it-talbiet ta’ l-attur kif diretti kontra s-socjeta’ eccipjenti huma preskritti a tenur ta’ l-artikolu 65 tal-Kap 352 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. Illi, subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, jinkombi fuq l-attur li jipprova illi l-allegati danni u nuqqasijiet sehhew waqt li l-vettura de quo kienet that il-kontroll effettiv u supervizjoni assaoluta tas-socjeta' eccipjenti u li l-istess vettura giet konsenjata lis-socjeta' eccipjenti minghajr l-istess danni u nuqqasijiet;

3. Illi, minghajr pregudizzju tas-suespost, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li s-socjeta' eccipjenti mhix responsabbli ghall-allegati danni u nuqqasijiet lamentati izda dejjem qdiet l-obbligi taghha skond il-ligi;

4. Illi, subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ammont pretiz huwa eccessiv u ghalhekk ukoll huwa kontestat;

5. Salv eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dokumenti kollha esebiti;

Tirrileva li r-rapprezentanti legali tal-partijiet talbu li t-trattazzjoni tal-kawza ssir b'mod skritt;

Rat id-digriet taghha fir-rigward, datat is-16 ta' Jannar tas-sena 2006 li permezz tieghu laqghet it-talba;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet;

Tirrileva wkoll li s-socjeta' kjamata in kawza ghazlet li ma tissottometti xejn;

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti li taw lok ghal din il-procedura jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:

1. Illi l-oggett meritu ta' l-analizi odjernhija gaffa tal-marka "Caterpillar" proprjeta' ta' l-attur li kienet ittrasportata ghal Malta mill-port ta'

Valencia fi Spanja fuq il-vapur Grimaldi permezz ta’ l-agenti, s-socjeta’ konvenuta Sullivan Maritime Limited fil-kapacita’ taghha kif indikata f’dawn l-atti;

2. Illi kif jirrizulta mill-“combined transport bill of lading”, datat il-5 ta’ Lulju tas-sena 2005, meta din il-gaffa ittellghet abbord inghatat it-timbru ta’ “Clean on Board”, senjatament li ma kellha l-ebda hsarat, (ara fol 34), nonostante li inkreddibbilment gewipprezentati affidavits li jsostnu b’mod generiku il-kuntrarju, (ara fol 59 et seq);

3. Illi jirrizulta li originarjament din l-istess vettura proprjeta’ ta’ l-attur kellha titghabba fuq vapur iehor precedenti izda meta dan kien wasal Malta il-vettura de quo ma kinitx fuqu u kellha ghalhekk titghabba fuq vapur iehor, dak li sussegwentement ingiebet bih f’Malta u dan, “xi gimgha jew gimghatejn wara”, (ara fol 23);

4. Illi ghalhekk, rizultat ta’ dan id-dewmien imprevist, din il-gaffa damet madwar tlett (3) gimghat aktar mid-dovut gewwa l-moll tal-port ta’ Valencia qabel ma tghabbiet fuq il-vapur lejn Malta;

5. Illi eventwalment din il-gaffa twasslet f’Mawlta u wara li giet spezzjonata minn “surveyor” akkreditat instabu fuqha l-hsarat minnu ndikati fir-rapport tieghu fir-rigward, (ara fol 39 et seq);

6. Illi l-gaffa in dizamina kienet wahda “second hand” izda ma jirrizultax lig iet mghobbija fuq il-vapur bl-indikazzjoni “tele quale” u minflok il-“bill of lading” jindika “clean on board”;

7. Illi skond il-prospett a fol 131, jirrizulta assodat u bl-ebda mod kontradett minn xi wiehed mill-partijiet l-ohra involuti, li d-danni sofferti mill-attur jammontaw ghal tlett elef, mija u disa’ u

sebghin Lira Maltin u sitta uerbghin centezmu, (LM3,179.46,0), ekwivalenti ghal sebat elef erba’ mija u hames Ewro u sitta u sebghin centezmu, (€7,405.76);

Ikkunsidrat:

Illi tenut kont tas-sintesi fattwali fu qelenkat jirrizulta s-segwenti:

1. Illi l-attur huwa l-proprjetarju tal-gaffa “second hand” in dizamina u nkariga lis-socjeta’ konvenuta biex titrasportahielu mill-port esteru ghal Malta;

2. Illi ghalkemm jirrizulta li kienet mghobbija tardivament meta eventwalment ittellghet fuq il-vapur lejn Malta inghatat certifikat li kien jindika li kienet intatta;

3. Illi meta twasslet Malta instabu l-hsarat riskontrati mill-attur u mis-“surveyor” tieghu, liema danni huma ekwivalenti ghall-ammont indikat mill-istess attur indikat aktar qabel, liema ammont mhux biss bl-ebda mod ma gie kontradett jew konfutat izda gie pozittivament indikat;

Ikkunsidrat:

Illi issa huwa ghaqli li jigu ndirizzati l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenuti;

Illi f’dan l-istadju ikun ghaqli li l-ewwel tigi ndirizzata l-eccezzjoni preliminari sollevata mis-socjeta’ kjamata in kawza, senjatament illi t-talbiet attrici huma preskritti ai termini ta’ l-artikolu minnha sollevat;

Illi in effetti dan l-artikolu 65 tal-Kapitolu 352 tal-Ligijiet ta’ Malta sintetikament jistabbilixxi s-segwenti:

1. Illi ma tista' tittiehed l-ebda azzjoni kontra kuntrattur dwar ir-responsabbiltajiet tieghu tthatl-istess Att, (dwar l-Awtorita' Marittima), jew ghal xi telf jew hsara li ssir, fost l-ohrajn, fuq il-vetturi abbord bastiment kemm –il darba:

i. ma ssirx talba bil-miktub li tindika l-partikolaritajiet rikjest lill-Awtorita' jew lill-kuntrattur sa sitt (6) xhur mid-data li l-oggetti kienu gew accettati mill-kuntrattur, u

ii. li l-azzjoni ma tinbediex fi zmien tnax –il xhar mill-imsemmija data;

Ikkunsidrat:

Illi fir-rigward tar-rekwiziti fuq indikati mhux biss ma jirrizulta li effettivament l-attur ma ha l-ebda passi fir-rigward, izda jirrizulta li " … l-attur qatt ma ghamel "claims" fil-konfront tal-Cargo Handling Company Limited rigward dan il-kaz", (ara fol 93);

Ikkunsidrat:

Illi in vista tal-premess, l-azzjoni tentata fil-konfront tas-socjeta' kjamata in kawza hi preskritta stante li la jirrizulta li saritilha talba bil-miktub fir-rigward lanqas giet intavolata kawza fit-terminu statutorjament stabbilit u ghaldaqstant, filwaqt li tilqa' l-ewwel eccezzjoni preliminari taghha, tiddikjara li qed tissoprassedi fuq l-eccezzjonijiet l-ohra minnha sollevati, tirrespingi t-talbiet attrici fil-konfront taghha u konsegwentement tilliberaha mill-osservanza tal-gudizzju;

Illi rigward l-ispejjez tirrizerva dan ghal aktar il quddiem;

Ikkunsidrat:

Illi rigward is-socjeta' konvenuta ghandu jinghad li hi kienet responsabbli ghat-trasport tal-gaffa de

quo mill-port Spanjol ghal dak Malti u kellha ghalhekk kull obbligu naxxenti minn dan in-negozju;

Illi jirrizulta li meta l-gaffa de quo ittellghet fuq il-vapur biex tingieb Malta din kienet fi stat tajjeb;

Illi in effetti anke inghatat certifikat pozittiv li jindika proprju dan u li allura jinkolla lill-istess socjeta' konvenuta b'din ir-responsabbilita' li qed tigi analizzata prezentement;

Illi ghar-rigward ta' l-eccezzjonijiet minnha sollevati ghandu jinghad is-segwenti:

1. Illi l-attur kien inkariga lis-socjeta' attrici ghat-trasport tal-gaffa in dizamina;

2. Illi l-arrangamenti li din tikkonkludi biex tkun tista' tespleta dan is-servizz b'celerita' u b'garanzija normali ta' inkolunita' ta' l-oggett fdat lilha huma arrangamenti taghha li l-attur qatt ma jista' jkollu voce in capitolo;

3. Illi rigward it-tielet, ir-raba' u tal-hames eccezzjonijiet sollevati ghandu jinghad li huma arrangamenti ippostulati stante li l-"bill of lading", kuntrarju ghal dak minnha sostenut, jitfghalha r-responsabbilita' enormi li ma tistax tinza facilment stante li bhala s-socjeta' trasportatrici, meta tiehu l-konsenja ta' oggett fi stat pristinu, ghandha l-obbligu li tippreservati, fl-interess ta' min qed ihallasha tajjeb tas-serizz minnha offrut u fin-nuqqas, stante li l-oggett hu fil-pussess tagha, hi wkoll responsabbli li taghmel tajjeb ghad-danni riskontrati;

4. Illi ghaldaqstant filwaqt li qed tirrespingi l-eccezzjonijiet kollha tas-socjeta' agenti konvenuta, takkolji t-talbiet attrici u konsegwentement:

i. Tiddikjara li s-socjeta’ Sullivan Maritime Limitedfil-kapacita’ taghah bhala agent tas-socjeta’ estera Atlantica Spa Di Nagivazione, hi unikament responsabbli ghad-danni sofferti mill-attur fuq il-vettura tal-marka “Caterpillar” 950B proprjeta’ tieghu kif fuq indikat;

ii. Tillikwida d-danni sofferti mill-attur Martin Gaffarena fl-ammont ta’ sebat elef, erba’ mija u hames Ewro u sitta u sebghin centezmu, (€7,405.76);

iii. Tikkundanna lis-socjeta’ sullivan Maritime Limited fil-kapacita taghha bhala agent tas-socjeta’ estera Atlantica Spa Di Navigazione biex thallas lill-attur Martin Gaffarena l-ammont hekk likwidat indikat fil-paragrafu precedenti, bl-ispejjez ta’ din il-procedura;

Illi limitatament ghall-ispejjez konnessi mad-digriet ta’ l-ordni tal-kjamata in kawza, stante li din it-talba saret mill-istess attur li ma kellux ikollu diffikultajiet kbar biex jikkonkludi li din kienet wahda inutili ai termini ta’ l-artikolu 65 tal-Kap 352, l-ispejjez kollha konnessi ma’ din it-talba ghandhom jigu sapportati mill-attur.”

L-appell tas-socjeta` konvenuta fil-kwalita` taghha premessa huwa bazat fuq dawn l-obbjezzjonijiet:-

(1) Is-sentenza ta’ l-ewwel Qorti tikkontjeni nuqqas ta’ apprezzament tal-provi u tal-principji legali li jghoddu ghal kaz;

(2) L-ammont reklamat in linea ta’ danni mhux gustifikat u fil-fatt gie minnha kkontestat;

(3) L-ewwel Qorti injorat milli tapplika l-limitazzjoni tal-kumpens ghad-danni stipulata fil-klawsola 20 tal-Polza tal-Kariku;

Fil-qosor, il-fatt li taw lok ghal kawza kienu dawn. L-attur xtara gaffa minghand is-socjeta` Spanjola Dynaquip s.r.l. li ccertifikata bhala uzata u fabbrikata fl-1986 (ara Dikjarazzjoni a fol. 69). L-istess gaffa giet trasportata mill-port ta’ Valencia ghal Malta permezz ta’ Polza tal-Kariku (fol. 34) li fuqha, taht il-firma ta’ l-agenti tal-*carrier*, kellha stampat “*Clean on Board*”. L-attur (fol. 27) u Victor Vella (fol. 23), ir-rapprezentanti tieghu, jghidu li meta l-vapur wasal Malta huma telghu abbord u kkonstataw diversi hsarat fil-gaffa. Dawn il-hsarat huma dawk ivverifikati mis-*surveyor* Philip Attard (fol. 37), kif stabbiliti wkoll minn Joseph Paris (fol. 29), Operations Superintendent tal-Cargo Handling, fil-Gate Pass Out a fol. 35 tal-process. Il-kwantum relattiv taghhom huwa, imbaghad, determinat minn fatturi u ricevuti minn fol. 42 sa 45;

Il-Qorti jidhrilha opportun, qabel kull konsiderazzjoni fil-mertu, illi taghmel dawn il-premessi:-

(1) In generali t-trasport ta’ merkanzija bil-bahar minn punt ta’ destinazzjoni ghall-iehor jikkoinvolgi l-partecipazzjoni ta’ l-ispedizzjonjier u tar-ricevitur, il-vettur u l-*handlers* fil-portijiet ta’ karikazzjoni u ta’ skarikazzjoni. Fundamentali ghad-determinazzjoni tar-responsabilita` huma l-istadji fokali li fihom il-merce tkun in konsenja jew fil-kustodja ta’ xi wiehed minn dawn;

(2) Generalment ukoll, it-trapass minn wiehed ghall-iehor fost il-kompartecipanti hu regolat minn dokumenti marittimi jew portwali in kwantu dawn ukoll jaghtu prova ta’ l-istat u tal-kondizzjoni tal-merce fl-istadji varji tal-garr taghha;

(3) Abbinat ma’ dawn l-osservazzjonijiet generali hemm il-presunzjoni generali tad-dritt li kulhadd hu responsabbli ghall-hsara li tigri b’xi att jew ommissjoni tieghu u l-korollarju ta’ dak il-principju li hadd ma ghandu jigi ritenut responsabbli ghad-danni li jigru mhux bi htija tieghu. “Naturalment, dan apparti l-oneru tal-prova u l-presunzjoni *juris tantum* ta’ responsabilita li l-ligi tghabbi

fuq certi persuni f'certi determinati cirkustanzi". Ara "**Avv. Dottor Giovanni Griscti *nomine* -vs- Chev. Silvio Mifsud *et nomine***", Appell, 7 ta' Ottubru, 1997;

Dan premess, l-attribuzzjoni mill-attur tal-kolpa tal-vettur ghad-danni subiti kienet tinvolvi necessarjament, da parti ta' l-ewwel Qorti, ir-ricerka ta' dik il-verifika illi l-hsarat allegati avveraw tassew bi htija ta' l-istess vettur;

Fil-kaz prezenti l-attur appellat hu assistit mill-prova kostitwita mill-polza tal-kariku illi l-gaffa tghabbiet "*clean on Board*". Din ir-rimarka stampata fuq wicc il-polza jirrizulta li saret minn Grimaldi Logistica Espana s.c. (*as agents for the carriers*). Konformement mar-Regolament 3 (4) tal-Hague Rules, "*such a bill of lading shall be prima facie evidence of the receipt by the carrier of the goods as therein described in accordance with paragraph 3(a), (b) and (c).*" Logikament ukoll meta, bhal f'dan il-kaz, il-polza tghid li l-kariku gie ricevut "*clean on board*" dan jikkostitwixxi ammissjoni da parti tal-vettur li huwa rcevih fi stat tajjeb. Jimporta, allura, b'obbligu illi huwa jikkonsenja dak il-kariku f'dak l-istess stat u kondizzjoni tajba lil min ikollu dritt ghalih skond it-termini tal-polza. Ta' min jirrileva illi, kif gie ukoll ritenut, "*quand'anche non ci fosse quella dichiarazione esplicita, in mancanza di riserve nella polizza di carico, si presume che la merce sia stata ricevuta a bordo in buona condizione, appunto perche il capitano è per diritto marittimo responsabile pei danni avvenuti alle merci caricate, che non siano dovuti a vizio proprio o a forza maggiore*" ("**Negte. Carmelo Mifsud *nomine* -vs- Cap. Marittimo Giuseppe Gallaro *nomine*** ", Appell Kummercjali, 10 ta' Marzu, 1920);

Affermat dan, irid jinghad ukoll illi l-prova li taghmel il-polza b'dawk il-kliem mhix bilfors wahda assoluta u konkludenti. Li kieku kien hekk, ma kienx hemm skop li l-ligi nnifisha, ex-Artikolu 325 tal-Kodici tal-Kummerc, tammetti l-prova kuntrarja. Wisq logikament, pero`, biex tingheleb il-prova presuntiva kostitwita mill-polza, il-prova

kuntrarja trid tkun wahda adegwata, univoka u konvincenti. Hekk jaggrava fuq it-trasportatur il-piz tal-prova illi fil-mument tal-konsenja lilu tal-kariku dan kien diga` fi stat danneggjat, ossija mhux fl-istess stat indikat fuq il-polza b'dawk il-kliem "*clean on board*";

Is-socjeta` konvenuta appellanti ticcensura lill-ewwel Qorti illi din ma ghamletx ezami akkurat u ezawrjenti tal-provi. Dan taghmlu biex taccentwa l-punt illi dik il-Qorti injorat, jew skartat, il-provi mressqa minnha biex tirribatti dik il-prova prezuntiva maghmula mill-polza. F'dan il-kuntest is-socjeta` appellanti tikkontendi u tenfasizza illi hi gabet provi qawwija ghan-newtralizzar ta' l-imsemmija presunzjoni bl-esebizzjoni ta' ritratti (fol. 73 sa fol. 76) li kienu juru l-kundizzjoni tal-gaffa qabel ma din giet karikata fuq il-vapur, kif ukoll bix-xhieda permezz ta' Affidavits ta' Giuseppe Botticelli (fol. 59), kaptan tal-vapur, u ta' Mario Varrica, Head of Quality Department, Valencia Terminal Europe (fol. 60);

B'kull rispett dovut, din il-Qorti ma tarax kif tista' ssostni din l-kontenzjoni tas-socjeta` konvenuta appellanti. Dan, ghas-segwenti konsiderazzjonijiet:-

(1) Jekk hu veru dak ritenut mill-Kaptan Botticelli illi meta l-gaffa ttellghet abbord din kellha "*various damages all around the body*", hu kellu jattira l-attenzjoni ta' l-agent tal-Carrier ghal dan il-fatt u mhux jaccetta taghbija fuq il-vapur taht il-kontroll tieghu li, ghal kull effetti, skond it-termini tal-polza, kienet tindika li din kienet wahda "*clean*". Stat u kondizzjoni din ammessa mill-istess agent tal-*carrier* u taht il-firma tieghu;

(2) Ix-xhieda, imbaghad, ta' Mario Varrica ma tistax tkun tant influwenti ghax ghalkemm tistabilixxi l-istat tal-gaffa meta din ghaddiet taht il-kontroll tal-*handlers* fit-Terminal ta' Valencia wara li nhattet minn fuq it-trukk, dan ma jfisserx bilfors, u *quod erat demonstrandum*, illi l-gaffa giet konsenjata lill-vettur f'dak l-istat manifest mir-ritratti, senjatament dak a fol. 75 li juri hgieg imxiegher;

(3) Mhux accettabbli, imbaghad, ghal din il-Qorti, l-iskuzanti illi, trattasi ta' merce 'sekonda man', ma jsiru ebda rimarki dwar l-istat u l-kondizzjoni taghha, almenu dik apparenti, fir-*records* tal-vapur jew f'xi dokument iehor, ad ezempju "*pre-shipment survey report*" kif solitament, u kif jinghad mill-polza nnifisha, isir fil-kaz ta' "*new vehicles, cars, vans and trucks*". Jekk kif sottomess, tali hi l-prattika, allura jkollu jinghad, fil-fehma tal-Qorti, illi din mhix prattika jew uzanza tajba u b'mod tali li ghandha, ghaldaqshekk, twassal biex tehles lill-vapur mill-obbligu li jikkonsenja fil-post ta' skarikazzjoni l-gaffa skond dak l-istat espress fit-termini precizi tal-polza;

(4) Minn dan konsiderat fil-kumpless hu difficli ghal din il-Qorti li taccetta l-assunt tas-socjeta` appellanti illi ngibet xi prova kuntrarja assodanti li tincidi b'mod influwenti fuq l-effetti u l-portata tal-polza "*clean on Board*". Dan ghaliex il-valur ta' dik ir-rimarka baqghet ma gietx konkludentement skossata;

Il-Qrati taghna f'aktar minn okkazjoni wahda esprimew ruhhom dwar il-portata tar-rimarki jew termini ohra fil-polza u mhux il-kaz li din il-Qorti toqghod hawn tirriproduci dawk l-istess fehmiet. L-istess haga ghamlu l-Qrati fil-kaz ta' certi dokumenti portwali bhal "*joint tally*" u l-"*Gate Pass Out".* Dan fis-sens illi filwaqt li rrikonoxxew il-valur probatorju determinanti taghhom, fl-istess waqt ukoll gharrfu illi "meta c-cirkustanzi jkunu tali li l-Qorti tkun konvinta li ma kienux jirriflettu r-realta` ghax ikunu zmentiti minn provi ohra fil-process li sodisfacentement jippruvaw il-kondizzjoni tal-merkanzija f'mument partikulari, il-Qorti kellha tiskartahom" ("**Avv. Dottor Giovanni Griscti *nomine* -vs- John Cooper *et nomine***", Appell, 19 ta' Mejju, 2000);

Ghall-istess riflessjoni maghmula taht punt (3) hawn fuq, din il-Qorti ma taqbel xejn mal-politika adottata illi fil-mument tat-*tallying*, anke jekk "*joint*", ma jsiru ebda osservazzjonijiet mit-*tally clerks* dwar il-kondizzjoni tal-merce li tkun *second hand* u li tkun qed tigi mahtuta fuq il-moll fil-port tad-destinazzjoni. Apparti dan, il-*joint tally* fil-

kaz prezenti ma jistax jinghata wisq kreditu kemm ghal dik ir-raguni kif ukoll ghaliex, jekk wiehed jaccetta x-xhieda ta' l-attur u ta' Victor Vella, dawn kienu nnotaw il-hsarat fil-gaffa meta din kienet ghadha abbord il-vapur. Meta ma' dawn ix-xhieda jigu akkoppjati l-kummenti ta' Joseph Paris fuq il-Gate Pass Out (fol. 35), anke, jekk forsi maghmula ftit sieghat biss wara li l-gaffa tnizzlet minn abbord, il-konkluzjoni ahharija tal-valutazzjoni unitarja tal-provi ma tistax hlief tkun dik li ghaliha wasslet l-ewwel Qorti. L-ewwel aggravju qieghed konsegwentement jigi respint;

Determinat mill-provi attendibbli illi l-gaffa ma tnizzletx fl-istess kondizzjoni nadifa u tajba li fiha tghabbiet fuq il-vapur, u stabbiliti wkoll mis-*survey* li sar minn Philip Attard in-natura u x-xorta tad-danni, din il-Qorti ma tistax ma tinnotax, bit-twegiba ghat-tieni ilment tas-socjeta` appellanti, illi minn imkien mill-provi ma jirrizulta illi gew minnha, u fl-istadju opportun quddiem l-ewwel Qorti, kwerelati d-deskrizzjoni ta' l-istess danni skond is-*survey report* (fol. 41) jew dawk ta' l-ammonti relatati maghhom (fol. 42 sa fol. 45). Huwa tard wisq biex issa f'din is-sede l-Qorti taccetta l-proposizzjoni illi certi rjus ta' spejjez reklamati ma kellhom ebda korrolazzjoni mal-hsarat allegati. Dan, din il-Qorti mhux f'posizzjoni li tikkonferma, o meno, jekk tali hijiex il-qaghda, tant ghaliex m'ghandhiex l-*expertise* tekniku fir-rigward, kif ukoll, fundamentalment, ghaliex kif rilevat, is-socjeta` appellanti baqghet passiva u ma approfittatx ruhha mill-ghodod procedurali disponibbli biex tikkontradici l-ammont tad-danni. Anke, allura, it-tieni aggravju qed jigi michud;

Jibqa' x'jigi kkunsidrat l-ahhar aggravju avvanzat li permezz tieghu s-socjeta` appellanti tiddefendi ruhha bil-"*limitation clause*" skond klawsola 20 tal-polza tal-kariku. Kif sewwa ssottometta l-attur fir-risposta ta' l-appell tieghu jekk wiehed jabbina l-massimali ta' 2 US dollars per kilo jew, ukoll ta' 2 SDR per kilo, trattasi minn gaffa ta' piz ta' 14,600 kilo, kif dikjarat fil-polza, jigi li l-ammont reklamat f'danni hu inferjuri ghal komputazzjoni aritmetika b'dawk

ir-rati ta’ kalkolu. Dan it-tielet u l-ahhar aggravju qieghed konsegwentement jigi rigettat.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tichad l-appell fl-aggravji kollha tieghu u ghaldaqstant tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez kontra s-socjeta` konvenuta appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------